

Brussell, 28 ta' April 2023
(OR. en)

8563/23

FIN 460
INST 133

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA)

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI TAR-REGOLATURI TAL-ENERĠIJA (ACER), L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMM SPAZZJALI (EUSPA), L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-AMBJENT (EEA), L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI (ECHA) U L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA DWAR ID-DROGI (EUDA)

F'konformità mal-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tal-20 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan li ġej, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni:

- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija* (ACER) jista' jiġi żgurat fi ħdan il-limitu massimu għan-nefqa maqbula tal-intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ACER għas-sena finanzjarja 2023 huma inklużi fl-abbozz ta' baġit emendatorju 1/2023. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ACER għas-snin finanzjarji 2024-2027 ser jiġu deċiżi fi ħdan il-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali* (EUSPA) jista' jiġi żgurat fi ħdan il-limitu massimu għan-nefqa maqbula tal-intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont annwali u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EUSPA għas-sena finanzjarja 2023 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2023. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EUSPA għas-snin finanzjarji 2024-2027 ser jiġu deċiżi fi ħdan il-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Aġenzija Ewropea għall-Ambjent* (EEA) jista' jiġi żgurat fi ħdan il-limitu massimu għan-nefqa maqbula tal-intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. Il-ħidma tal-aġenzija fuq il-kompiti tar-Regolament aġġornat dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF) mhux ser tibda qabel l-2024, iżda t-tiżiż tal-persunal huwa diġà inkluż fil-baġit tal-2023 sabiex ir-reklutaġġ ikun beda sa tmiem l-2023. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EEA għas-snin finanzjarji 2024-2027 ser jiġu deċiżi fi ħdan il-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għall-*Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi* (ECHA) jista' jiġi żgurat fi ħdan il-limitu massimu għan-nefqa maqbula tal-intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. Id-dikjarazzjoni finanzjarja riveduta għandha impatt fuq l-aġenzija mill-2024 'il quddiem. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-ECHA għas-snin finanzjarji 2024-2027 ser jiġu deċiżi fi ħdan il-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi* (EUDA) jista' jiġi żgurat fi ħdan il-limitu massimu għan-nefqa maqbula tal-intestatura 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EUDA għas-snin finanzjarji 2024-2027 ser jiġu deċiżi fi ħdan il-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
